

Αρχική σελίδα>Αναζήτηση επαγγελματία του νομικού κλάδου>Διαμεσολαβητές  
Medjaturi

Πολωνία

#### Kif issib medjatur fil-Polonja

Il-listi ta' istituzzjonijiet u persuni awtorizzati biex imexxu l-proċedimenti ta' medjazzjoni ("listi ta' medjaturi permanenti") jinżammu mill-presidenti tal-qrati reġjonali u jinsabu fuq is-siti web tal-qrati. Iż-żieda u t-tneħħija tal-medjaturi mil-lista ssir mill-president tal-qorti reġjonali rilevanti.

Bħala regola, il-medjaturi jispesjalizzaw f'tipi speċifiċi ta' medjazzjoni: il-medjazzjoni ċivili (il-medjazzjoni kummerċjali, il-medjazzjoni tal-familja, id-dritt tax-xogħol, eċċ.), il-medjazzjoni f'materji kriminali, f'kawżi li jinvolvu l-minuri, eċċ.

Minħabba l-arranġamenti legali stabbiliti, ma hemm l-ebda reġistru ċentrali uniku tal-medjaturi. Il-Ministeru għall-Ġustizzja bħalissa qiegħed iwettaq il-proġett "Il-promozzjoni tal-metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim billi jittejbu l-ħiliet tal-medjaturi, jiġi stabbilit Reġistru Nazzjonali tal-Medjaturi, u jsiru attivitajiet ta' informazzjoni". Wieħed mill-għanijiet ta' dan il-proġett huwa li jinħoloq Reġistru Nazzjonali ta' Medjaturi – bażi ta' *data* tal-medjaturi li joperaw fil-Polonja, disponibbli b'mod universali.

Informazzjoni bażika dwar ir-regoli, il-proċeduri u l-aspetti prattiċi tal-arranġamenti tal-medjazzjoni fil-Polonja tinsab fuq il-[Paġna tal-medjazzjoni](#) tas-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja, kif ukoll fuq is-sit web tal-proġett li saret referenza għalih hawn fuq.

#### L-aċċess għal-listi tal-medjaturi huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess għal-listi tal-medjaturi huwa **mingħajr ħlas**.

#### Kif issib medjatur fil-Polonja

Għandek tuża l-listi ta' medjaturi permanenti mħejjija mill-presidenti tal-qrati reġjonali, jew tuża s-servizzi taċ-ċentri tal-medjazzjoni jew ta' medjaturi individwali. L-informazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt normalment jinstabu fuq is-sit web tal-qrati li jkollhom ġurisdizzjoni, taċ-ċentri jew tal-medjaturi inkwistjoni.

L-aħħar aġġornament: 16/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.